MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# ONOR. IMĦALLEF
# LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2016

Rikors Revoka Numru: 1196/15 LM

**Fl-atti tal-kawża 185/15LM**

**u**

**Wara l-mandat ta' sekwestru nru 341/15 fl-ismijiet:**

**Carmelo Mallia u martu Mary Grace Mallia**

**vs**

**All Invest Company Ltd C 22239, Patrick Massa ID Nru. 343561(M), Wallace Falzon ID Nru 308986(M) u martu Rose Falzon ID Nru 323570(M) f'isimhom proprju u għan-nom ta' binhom minuri Keith Falzon ID Nru 63697(M), Kenneth Falzon ID Nru 420594(M) u Rosewall Investments Limited C38596**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-sekwestrati **Keith Falzon u Kenneth Falzon** (minn issa 'l quddiem "is-sekwestrati) ippreżentat fis-16 ta' Diċembru, 2015 fejn sostnew:

*Illi l-esponenti huma lkoll sekwestrati, flimkien ma' oħrajn, f'dan il-Mandat (ta' sekwestru kawtelatorju Nru 341/15) għas-somma komplessiva ta' €600,000;*

*Illi l-pretensjoni tas-sekwestranti hija llum ikkawtelata permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru 342/15 SM, liema mandat ġie deċiż definittivament;*

*Illi inkwantu għas-sekwestrati Keith u Kenneth Falzon, huwa ċar u manifest illi huma qegħdin jiġu inklużi f'dawn il-proċeduri kollha sabiex jiġi mdejjaq is-sekwestrat Wallace Falzon, li jiġi missierhom u għaldaqstant għandha tirriżulta l-malizja anke f'dan il-mandat, għaliex altrimenti, l-esponenti m'għandhom x'jaqsmu assolutament xejn ma' kwalunkwe vertenza li jista' jkun hemm bejn is-sekwestranti u s-sekwestrati All Invest Company Ltd, Wallace Falzon u Patrick Massa, li jirriżulta anke mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni li huma t-tliet persuni li fil-verità qed jiġu indirizzati mis-sekwestranti fil-mertu, kif jirriżulta wkoll fil-mertu sal-ġurnata tal-lum, mix-xhieda tal-istess Carmelo Mallia;*

*Illi huwa effettivament gravi u huwa imbarazzanti li ġuvnotti ta' 18 u 20 sena jkunu milquta b'mandat ta' sekwestru b'dan li anke ma' sħabhom ikollhom għajnhom mikxufa li m'għandhomx l-użu ta' banek, u lanqas ma jistgħu jużaw l-istipendju tagħhom kif depożitati fil-kontijiet bankarji tagħhom, u dan iżjed u iżjed meta huma m'għandhom assolutament xejn x'jaqsmu mal-pretenzjonijiet tas-sekwestranti;*

*Illi a tenur tal-Artikolu 381(1)(a)u (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kontijiet bankarji tas-sekwestrati Kenneth u Keith Falzon jikkontjenu ammonti perċepiti mill-Gvern bħala stipendju stante li huma studenti u għaldaqstant, mhux leċitu, ġustifikat u/jew raġonevoli li dan il-mandat ta' sekwestru jibqa' fis-seħħ fil-konfront tagħhom, sia b'referenza għal dawn l-artikoli kif ukoll b'riferenza għall-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi l-esponenti Kenneth u Keith Falzon ma jirċevux iżjed minn €698.98 fix-xahar, u għaldaqstant l-Artikolu 382 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli;*

*Għaldaqstant talbu r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 341/15 fil-konfront tagħhom a tenur tal-Artikolu 836(1)(d), u l-Artikolu 381(1)(a) u (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż kontra s-Sekwestranti.*

Rat ir-risposta tas-sekwestranti **Carmelo Mallia u martu Mary Grace Mallia** (minn issa 'l quddiem "is-sekwestrati") ippreżentata fit-8 ta' Jannar, 2016 li permezz tagħha ċaħdu li l-Qorti ħarġet il-mandat bi ksur tal-Artikolu 381(a) jew (ċ) tal-Kap. 12 u li mhux *prima facie* ġustifikat a tenur tal-Artikolu 836(1)(d) tal-istess Kap. 12. Is-sekwestranti ssottomettew illi huma pproċedew kontra s-sekwestrati Keith Falzon u Kenneth Falzon billi missierhom Wallace Falzon kien għaddielhom proprjetà ta' valur konsiderevoli. Is-sekwestrati Keith Falzon u Kenneth Falzon ċaħdu li ppreżentaw il-Mandat Nru 341/15 b'malizja, imma dan għamluh billi l-kuntratti li bihom ġie trasferit ġid sostanzjali tal-ġenituri kienu simulati, biex jiġi evitat l-obbligu li jagħmlu tajjeb għat-telf subit mill-konjuġi Mallia minħabba investimenti ħżiena li saru bi flushom. Is-sekwestranti

sostnew ukoll li mhuwiex minnu li huma talbu dan il-mandat fuq l-istipendji tas-sekwestrati.

Rat l-atti ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tar-Rikors numru 828/15 LM deċiż fil-11 ta' Novembru, 2015.

Rat ukoll il-provi prodotti s'issa fil-kawża numru 185/15 LM li l-partijiet qablu li għandhom jgħoddu wkoll għal din il-proċedura.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet.

Rat li r-rikors ġie mħolli għal-lum għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi kull ordinament ġuridiku jagħmel ħiltu biex jipprovdi l-ħarsien effettiv tad-drittijiet li huwa jagħraf u jiggarantixxi. Il-protezzjoni tad-drittijiet soġġettivi huwa l-qafas tal-effettività tad-dritt oġġettiv. Mingħajr it-tutela koattiva tal-Istat, il-pretenzjonijiet tal-kredituri jibqgħu sempliċiment aspettattivi.

Illi l-liġi tipprovdi wkoll il-mezzi biex din il-garanzija patrimonjali ma tiġix

sparpaljata, bħall-azzjoni surrogatorja *(actio debitor debitoris mei)*[1] u l-azzjoni revokatorja *(l-Actio Pauliana)*[2].

Illi kif inhu magħruf, id-dritt modern m'għadux jipprevedi il-ħabs jew l-impediment tas-safar bħala konsegwenza tal-inadempiment, li jista' jwassal biss għall-assoġġettament tal-patrimonju tad-debitur għall-azzjonijiet eżekuttivi jew inkella, meta jkun possibbli, għall-eżekuzzjoni speċifika tal-obbligazzjoni. Din hija magħrufa bħala r-responsabbiltà patrimonjali, li permezz tagħha "kull min jobbliga ruħu personalment, hu obbligat jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tiegħu bil-beni kollha li għandu u li għad ikollu (l-Artikolu 1994 tal-Kodiċi Ċivili) u li, salv il-limitazzjonijiet stabbiliti bil-liġi, isservi ta' garanzija patrimonjali ġenerika.

Illi fost il-limitazzjonijiet imposti min-normi proċesswali nsibu l-għodda li bihom id-debitur jaqla' l-għixien tiegħu, u dħul biżżejjed biex wieħed ikun jista' jgħix (l-Artikolu 381 tal-Kap. 12).

Illi kategorija oħra li tillimita r-responsabbilità patrimonjali tinstab fin-normi dwar l-eredi, il-legatarju, u d-donatarju, immirati biex jillimitaw l-impenn debitorju tagħhom għall-attiv li jirċievu. Il-werriet u l-legatarju jistgħu jagħmlu dan billi jaċċettaw l-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju (l-Artikolu 943 tal-Kodiċi Ċivili). "Il-legatarju mhux obbligat iħallas id-djun tal-wirt, iżda bla ħsara tal-jedd tal-kredituri, meta hemm dan il-jedd, għall-azzjoni ipotekarja fuq il-fond imħolli b'legat, u bla ħsara wkoll tal-eżerċizzju tal-benefiċċju tal-firda ta'

[1] L-Artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili.
[2] L-Artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili.

patrimonju minn ieħor hawn fuq imsemmi" (l-Artikolu 944 tal-Kodiċi Ċivili).

Illi skont l-Artikolu 1769 tal-Kodiċi Ċivili "Id-donatarju mhux obbligat iħallas id-djun tad-donatur, meta d-donazzjoni ma tkunx issuġġettatu għalihom; bla ħsara tal-jedd tal-kredituri għall-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1144, u għall-azzjoni ipotekarja, meta hemm lok għaliha." Skont l-Artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili:

> "(1) Kull kreditur jista' wkoll, f'ismu, jattakka l-atti magħmula b'qerq mid-debitur bi ħsara tal-jeddijiet tiegħu, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut għall-eċċezzjoni tal-benefiċċju tal-eskussjoni, taħt id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 795 sat-801 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> (2) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu oneruż, il-kreditur għandu jipprova li kien hemm qerq min-naħa taż-żewġ partijiet fil-kuntratt.
>
> (3) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu gratuwitu, biżżejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naħa tad-debitur.
>
> (4) L-azzjoni li tmiss lill-kredituri taħt dan l-artikolu ma tistax tiġi eżerċitata kontra minuri, ħlief sas-somma li minnha dawn ikunu kisbu qligħ, bla ħsara tal-jedd ta' kull azzjoni oħra li tista' tmiss lill-kredituri kontra t-tutur li jkun ħa sehem fil-qerq."

Illi d-dritt li jridu jikkawtelaw il-konjuġi Mallia permezz tal-Mandat ta' Sekwestru numru 341/15 huwa €600,000 minħabba telf ta' kapital u dħul ieħor, inkluż imgħaxijiet, li jallegaw li tilfu minn investimenti li għamlu fuq parir u bl-intervent ta' All Invest Company Limited, Wallace Falzon, u Patrick Massa, jew min minnhom, u għal liema danni għandhom jagħmlu tajjeb solidalment bejniethom l-konvenuti kollha, li jinkludu lill-esponenti Keith u Kenneth aħwa Falzon.

Ma jirriżultax li l-aħwa Falzon qatt kellhom xi ishma jew li qatt kellhom x'jaqsmu mal-operat ta' All Invest Company Limited, f'liema kumpannija kellu sehem missierhom Wallace Falzon u ta' liema kumpannija Patrick Massa kien impjegat. Ma jidhirx, *prima facie*, li l-aħwa Falzon kienu responsabbli għat-telf ta' flus tal-konjuġi Mallia. Li qegħdin jallegaw il-konjuġi Mallia hu li l-aħwa Falzon kienu involuti f'kuntratti ta' donazzjoni intiżi biex tiġi mnaqqsa l-garanzija patrimonjali ta' missierhom li trid tagħmel tajjeb fl-eventwalità li jingħataw raġun għall-pretenzjonijiet tagħhom.

Fl-agħar ipoteżi, l-aħwa Keith u Kenneth Falzon jistgħu ikunu eventwalment sokkombenti f'azzjoni pawliana, bir-riżultat li l-ġid li rċevew b'donazzjoni jerġa' jmur lura fl-assi patrimonjali tal-ġenituri tagħhom, u jeħlu xi spejjeż bħal dawk ġudizzjarji. Imma huma ma jistgħux ikunu miżmuma responsabbli għal kwalunkwe danni li jiskattaw minn ksur kuntrattwali jew fatt illeċitu ta' missierhom.

Lanqas ma jeżisti l-periklu li l-aħwa Keith u Kenneth Falzon jistgħu jiddisponu mill-proprjetà mogħtija lilhom b'donazzjoni billi din tinstab koperta permezz tal-mandat ta' inibizzjoni numru 342/15 li l-konjuġi Mallia ottjenew kontriehom. Għalhekk l-uniku dritt li l-konjuġi Mallia jidher li għandhom fil-konfront tal-aħwa Mallia huwa diġà kkawtelat suffiċjentement bil-preservazzjoni legali tal-ġid li jista' jkun li jrid jagħmel tajjeb għall-pretenzjonijiet tagħhom.

Il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra l-aħwa Falzon la huwa meħtieġ biex jippreserva l-pretenzjonijiet tal-konjuġi Mallia u lanqas jista' jinħareġ, billi

jidher *prima facie* li huma mhumiex obbligati jagħmlu tajjeb bil-patrimonju tagħhom ħlief għall-ġid li ġie għandhom b'donazzjoni mingħand il-ġenituri tagħhom.

**Decide**

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba, ma ssibx l-ammont pretiż fis-sekwestru huwa *prima facie* ġġustifikat fil-konfront tas-sekwestrati Keith u Kenneth aħwa Falzon u għalhekk qiegħda tirrevoka *in parte* l-mandat ta' sekwestru numru 341/15 safejn dan jaffettwa l-imsemmija Keith u Kenneth aħwa Falzon.**

**Tordna li l-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali dwar l-kawża fil-mertu bejn il-partijiet.**

Moqrija

--------------------TMIEM--------------------